# MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 17

IL-ĦAMIS 24 TA' APRIL 2014 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

# PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |

# TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Ġie miftihem li l-minuti li tqassmu ta' zewġ seduti ta' qabel il-laqgħa, il-Kunsilliera se jkunu qed jarawhom aktar tard sabiex jekk iħossu li għandu bżonn issir xi tibdil li jkun ġustifikat għandhom jagħmlu l-korreżżjonijiet meħtiega sa mhux akar minn nhar it-Tlieta 29ta' April 2014 u jibgħatuhom lill Agent Segretarju Eżekuttiv sabiex jitressqu quddiem il-Kunsill, fil laqgha tal-Kunsill li jmiss.

Il-Kunsill qabel uninament.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku s-Sur Max Zammit tkellem fid-dettal dwar lis-*Smart Light System* li twaħħlu dan l-aħħar mill -Kunsill, u huwa qara fid-dettal il-korrespondenza li għadiet b'email bejnu u bejn id-Direttur ta' *Smart Lights System*, fejn ġiet spegata fit-dettal ta' kif il-kumpanija ta' dawn lis-*Smart Lights* u l-Kunsill se jimxu, sabiex dawn lis-*Smart Lights* li twaħħlu ġewwa Triq Principessa Margerita u Triq Ix-Xatt jiffunzzjonaw kif suppost.

Il-Kunsill iddiskuta l-proposti li ġew imressqa u sar qbil uninament li l-Kunsill għandu jagħti ftit cans ta' ġranet sabiex jara li ssir xi modifikazzjonijit fihom sabiex dawn ikunu qed jaħdmu tajjeb.

2.2 Is-Sindku s-Sur Max Zammit qal li l-Kunsill għandhu jiltaqa' ma' *S&D Yachts Ltd* sabiex jiżguraw li l-*gate* għandha tibqa miftuħa.

2.3 Is-Sindku s-Sur Max Żammit qal li l-Kunsill mhux kuntent bis-servizz li qed jingħata minn għand il- l-Green MT rigward lis-skart reċiklat u rrefera ukoll għal l-artiklu li deher fuq il-gazzetta it-Torċa rigward akkomolazzjoni ta' ħmieġ madwar lis-skips li fihom jinġabar skart għal receiklaċ.

Il-Sindku qal li din mhux aċċettabli iktar, u għaldaqstant huwa rrakomanda li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa ma kumpanija *Green Pak* sabiex jara jekk dawn jistawx jagħtu servizz aħjar lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel uninament li għandha ssir din il-laqgħa.

2.4 Is-Sindku s-Sur Max Żammit qal li waqt l-aħħar laqgħa li huwa kien prezenti fir-Reġjun ġie diskuss illi fuq insistenza tiegħu r-Reġjun jalloka parti mill-fondi extra li għandu akkomolat lill-kull Kunsill li qiegħed Reġjun Ċentru.

Ġie stabbliet l-persentaġġ ta' kemm għandu jingħata lill kull Kunsill, liema persentaġġ għandu jiġi jintefaq fuq proġett rurali ġewwa f'kull Kunsill

Il-persentaġġ li l-Kunsill ta' Ta' Xbiex għandu jieħu, huwa ta 5% li jammonta għal madwar 20,000 Euro, peress li somma globali li se tiġi mqassma hija ta' 400,000 Euro.

Għaldaqstant is-Sindku s-Sur Max Zammit stieden lil-Kunsilliera sabiex jaħsbu ftit x'proġett jista' jagħmel il-Kunsill , u jgħidulu fil-laqgħa li jmiss.

2.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Ronnie Portelli tkellem dwar il- problema li qedien isibu il-ħaddiema tal I.P.S.L. meta jigu biex iġorru ż-żebgħa u xi materjal ieħor peress li qed ikollhom iġorru kollox bil-karretta. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti ma qabilx li l-van għandu jinxtara imma għandu jinkera. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara l-van minnbarra l-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI.

Is-Sindku is-Sur Max Zammit ressaq għal-approvazzjoni tal- Kunsill il-lista tal-pagamenti li rridu jiġu approvati, l-Kunsill jippropona li jitħallsu mill-21.03.14 sal- 24.04.14..
Wara li l-Kunsilliera raw il-lista li ġew klarifikati xi punti mqajjma, l-Kunsill uninament qabel ma dawn il-pagament.

## 4. RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat tkellem dwar li għandha ssir mera fit- Triq l-Ambaxxati c/w ma' Triq Sir Ugo Mifsud. Il-Kunsill qabel uninament li għandha ssir. Is-Sur Eugenio Muscat qal li l-Kuntrattur ta' knis is- Sur John Borg (Twish Co Ltd) qallu li ma jridtx jaqta' il-ħaxix ħazin għax b'hekk ikun qed jagħmel ix-xogħol għal-kuntrattur il-ġdid . L-Agent Segretarju Ezekuttiv s-Sur Paul Pace qal li għandu jkellem lill-kuntrattur fuq din il-materja Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal ukoll li r-residenti ta' Triq Ambaxxati c/w ma' Triq Sir Augustus Bartolo u Sir Ugo Mifsud qed ikollhom problema biex joħorġu l-karrozzi tagħhom minn ġol-garage tagħhom minħabba parking ħazin ta' karrozzi li mhumiex tal –lokal u għalhekk issuġġerixxa li jsiru *yellow lines* quddiem il-garaxxijiet għal fatt li ma għandhomx. Il-Kunsill qabel uninament li għandhom isiru. .

4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Portelli tkellem dwar lis-*streamers* li qedien jitwaħħlu fil-Lokalita' ta' Ta' Xbiex bla permess, huwa staqsa jekk dawn lis-streamers jaqawx taħt il-Bye Law li għandu il-Kunsill.

4.3 L-Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace qal li kellu jikteb lid-Dipartiment sabiex jara jekk dawn lis-streamers jagħmlux parti minn din il-Bye Law f'kaz li dawn jagħmlu parti mill-Bye Law il-Kunsill għandu jagħmel infurzar sabiex jinġabru l-flus tagħhom minn għand ditti jew individwi li jkunu qed jagħmlu dawn it-tip ta' riklami.

4.4 Is-Sindku s-Sur Max Zammit issuġġerixxa sabiex issir laqgħa apposta' sabiex il-Kunsill jiddiskuti Jum Ta' Xbiex.

4.5 Il-Kunsillier Frank Roe tkellem fuq zewġ applikazzjonijiet tal- MEPA PA/01120/14 u PA/01136/14 rigward zvilupp fil-lokal fejn il-Kunsill ma sabx l-ebda oġġezzjoni għal dawn l-applikazzjonijiet.

4.6 Is-Sindku Max Zammit qal li se jagħmel kuntatti biex isir laqgħa ma' sezzjoni tad-*Drug Squad* tal-Pulizija mill-aktar fis.

Il-Laqgħa spiċċat fis-6.30pm

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv